Sentenza tat-23.11.2020
ECLI:MT:CIV:2020:124163
Sessjoni tal-Vitorja

Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 128/2020 GĦAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU NUMRU 673/2020 CFF FL-ISMIJIET: URSULA ELLUL SULLIVAN (ID. 339268M) V. RECC LTD (C52728)

(REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU – KAP. 12 ART. 836(1)(C), (F) – PENALI AI TERMINI TAL-KAP. 12 ART. 836(8)(C))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Novembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Recc Ltd ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2020,

wara li kkunsidrat in-nota responsiva ta' Ursula Ellul Sullivan ("l-intimata") ippreżentata fis-7 ta' Settembru 2020,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti inkluż kopja legali taċ-ċedola bin-numru 673/2020 ippreżentata fl-atti tal-mandat ta' sekwestru surreferit,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Joseph Gatt
- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Edward Debono,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 673/2020 maħruġ fl-ismijiet premessi a tenur tal-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12 u

tal-Art. 836(1)(ċ) tal-istess kapitolu, kif ukoll sabiex timponi penali lill-intimata ai termini tal-Art. 836(8)(ċ) tal-Kap. 12.

2. L-intimata min-naħa tagħha talbet li din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti u żżomm il-mandat kawtelatorju in kwistjoni fis-seħħ.

**Art. 836(1)(ċ)**

3. Dwar din il-kawżali r-rikorrenti tisħaq illi dan il-mandat kawtelatorju għandu jitħassar għaliex ai termini tal-Art. 836(1)(c) tal-Kap. 12 hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestranta. F'dan ir-rigward hija esebiet kopja legali taċ-ċedola bin-numru 673/2020 ippreżentata fl-atti tal-mandat ta' sekwestru li permezz tagħha l-Bank of Valletta p.l.c. iddepożita is-somma ta' ħamest elef u sitt mitt euro (€5,600). Din is-somma tirrappreżenta s-sorti li ġie kkawtelat bil-mandat kawtelatorju in kwistjoni. Għalhekk malli s-somma ġiet depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti, f'dak il-mument il-pretensjoni tas-sekwestranta ossia' tal-intimata f'din il-proċedura, ġiet adegwatament kawtelata.

**Art. 836(1)(f)**

4. Dwar din il-kawżali r-rikorrenti tgħid illi dan il-mandat kawtelatorju għandu jitħassar ukoll għaliex ai termini tal-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12, fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ jew mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli u dan għaliex iċ-ċirkostanzi tagħha huma tali li ma' jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tagħha li tħallas it-talbiet tal-intimata, u din il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. Kwindi r-rikorrenti qed torbot mal-Art. 836(1)(f) bħala raġuni għat-tħassir tal-mandat il-kawżali li tinsab fl-Art.. 836(8)(ċ) li tipprovdi għal meta l-Qorti tista' tikkundanna lis-sekwestrant iħallas penali lill-sekwestranta.

5. In sostenn tal-pretensjoni tagħha r-rikorrenti tikkwota liberament mid-digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Prim' Imħallef fil-11 ta' Mejju 2020 fl-ismijiet **<u>Conrad Pisani v. J. Zammit Limited</u>** (ECLI:MT:CIVP:2020:121330):

   *"l-ahhar aggravju hu fis-sens illi s-sekwestru ma kienx necessarju jew gustifikabbli ghax il-qaghda finanzjarja tas-socjeta hi tajba bizzejjed li tista' tassorbi kull pretensjoni maghmula mis-sekwestrant. Gew esebiti l-management accounts ghas-sena 2019 fejn jirrizulta li s-socjeta ghamlet profitt f'dik is-sena ta' l-fuq minn miljun ewro. In oltre jirrizulta li ghandha assi ta' hmistax-il miljun u nofs ewro kontra debiti*

*kurrenti ta' ghax miljuni u seba' mitt elf ewro. Hi l-fehma tal-Qorti li dawn il-management accounts, mhux kontradetti, juru stampa ta' kumpanija b'sahhitha finanzjarjament u li facilment tiflah tassorbi l-ammont pretiz kontriha f'dan is-sekwestru facilment. L-argument ta' Pisani li assi ta' kumpanija mhux affidabbli ghax l-audited accounts saru l-ahhar fl-2017 u li kumpanija tista' tigi likwidata fi zmien qasir, ma humiex ragonevoli meta tqis il-kobor ta' din il-kumpanija u l-istat b'sahhtu finanzjarju prima facie taghha. Fic-cirkostanzi ghalhekk, salv provi ohra li jistghu jirrizultaw kontra dak esebit in atti, il-Qorti tqis it-talba tas-socjeta J. Zammit Limited bhala gustifikata, ghalkemm mis-sottomissjonijiet maghmula ma hux gust li jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 836(8) u (9) fil-konfront tas-sekwestrant."*

6. Ir-rikorrenti esebit kopja tal-*financial statements* tagħha għas-sena 2018 li fis-suċċint juru s-somma ta' € 230,029 bħala profitt nett fi dħul wara t-taxxa u s-somma ta' € 2,785,809 bħala *Total Equity & Liabilities.* Skond ir-rikorrenti:

   *"Illi hija l-umli fehma tas-socjeta sekwestrata li dan l-istess ragunament japplika mutatis mutandis f dawn ic-cirkostanzi, partikularment meta wiehed jara l-ammont iggenerat mis-socjeta' sekwestranti u l-pretensjoni mizera tas-sekwetranti. Illi in oltre, kif diga intqal, l-financial statements kienu u ghadhom accessibbli ghall-pubbliku, u ghalhekk bi flit aktar attenzjoni s-sekwestrata setghet facilment tinduna Ii ma kien hemm l-ebda lok Ii jintalab il-hrug ta' dan il-mandat.*

   Min-naħa tagħha l-intimata tgħid li:

   *"l-prezentata fl-atti odjerni tat-accounts tas-sekwestrata bl-ebda mod ma jaghtu s-serhan tal-mohh illi 1-ammont dovut effettivament ser jibqa' kawtelat sakemm tinqata l-vertenza jew Ii effettivament ser jsir il-hlas. llli I-accounts ta' socjeta' mhux necessarjament jaghtu l-istampa finanzjarja kollha tas-socjeta in kwistjoni u jista jkun hemm diversi debiti dovuti Iii terzi illi ma jirrizultawx mill-istess accounts, oltre illi s-sahha finanzjarja ta' kwalsiasi entita, iktar u iktar ta' kumpanija, tista' tinbidel mill-lum ghall-ghada. Huwa proprju ghalhekk illi jezistu 1-atti kawtelatorji, u cioe sabiex jeddijiet ta' terzi jiġu kawtelati. Wara kollox, jekk is-sahha finanzjarja tas-sekwestrata hija daqstant b'sahhitha certament illi mhux qed issofri xi pregudizzju kbir u ingustifikabbli"*

7. Fuq dan il-punt il-Qorti fliet bir-reqqa d-digriet imsemmi maħruġ mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Madanakollu hija tħoss li għandha tagħti widen lill-posizzjoni li hija

ferm aktar stabbilita u assodata fil-ġurisprudenza tagħna illi sabiex mandat jiġi rexiss abbażi ta' din il-kawżali jeħtieġ li jkun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi wara li jkun inħareġ il-mandat. F'dan is-sens din il-Qorti diversement presjeduta tenniet fis-sentenza fl-ismijiet **Roberto Carlos Calleja v. Gerard Dominic Borg Mizzi** (ECLI:MT:CIV:2020:120520, Maġistrat Rachel Montebello, deċiża 12 ta' Frar 2020) illi:

"*Kwantu ghas-sottomissjoni tar-rikorrent illi m'huwiex ragjonevoli illi l-Mandat de quo jinzamm fis-sehh jew illi l-att jew parti minnu m'huwiex iktar mehtieg jew gustifikabbli, il-Qorti tosserva illi gie kostantement ritenut mill-qrati taghha illi l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tehtieg illi jintwera li tkun tbiddlet xi cirkostanza wara l-hrug tal-Mandat, li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' fis-sehh in toto jew in parti. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid jistabblixxi jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-hrug tal-Mandat.*
*Issa, il-htigijiet tal-ligi procedurali ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju huma li l-persuna li titlob il-hrug tal-Mandat:-*
*"(a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat;*
*(b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt;*
*(ċ)li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u*
*(d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu".*
*Illi fil-kaz odjern ma intweriex illi mid-data meta nhareg il-Mandat in kwistjoni, kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex il-Qorti tista' tasal biex tiddeciedi li l-hrug tal-mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli, issa m'ghadux"*[1]

8. Għalhekk hija l-fehma tal-Qorti illi l-posizzjoni finanzjarja tal-kumpanija sekwestrata, rikorrenti f'din il-proċedura, m'hijiex raġuni tajba sabiex il-mandat *de quo* jitħassar. Fl-istess ħin però l-Qorti tinnota illi l-istess raġuni 'l għala l-mandat għandu jitħassar fuq il-kawżali taħt l-Art. Art. 836(1)(ċ) tapplika ukoll għal din il-kawżali fis-sens illi bil-preżentata taċ-ċedola ta' depożitu wara li ġie ppreżentat il-

[1] L-istess insenjament jinstab f'numru kbir ta' sentenzi oħra inkluż f'sentenzi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fosthom **Alfred Anton Zarifa u martu Olena Zarifa v. Alexander Mangion u Melvin Mangion** (ECLI:MT:CIVP:2019:115412, Imħallef Lawrence Mintoff, deċiża 11 ta' Frar 2019)

mandat kien hemm bidla fiċ-ċirkustanzi tali li ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-istess mandat.

9. Fir-rigward tat-talba għall-penali, il-Qorti tħoss li mis-sottomissjonijiet magħmula ma’ jkunx korrett u lanqas ġust li jiġu applikati d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 836(8) u (9) fil-konfront tal-intimata.

**Deċiżjoni**

10. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel żewġ talbiet u tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru: 673/20 fl-ismijiet premessi, tiċħad it-tielet u r-raba talba. L-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur